REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/383

tat-3 ta' Marzu 2021

li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jelenka l-koformulanti li mhumiex aċċettati għall-inklużjoni fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 27(2) u l-Artikolu 78(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-koformulanti huma deskritti fil-punt (c) tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 bħala sustanzi jew preparazzjonijiet li jintużaw jew li huma maħsuba biex jintużaw fi prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jew aġġuvant, iżda li la huma sustanzi attivi u lanqas aġenti protettivi jew sinerġisti.

(2) Il-koformulanti huma inaċċettabbli fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jekk ir-residwi tagħhom, b'konsegwenza għall-applikazzjoni li hija konsistenti ma' prattika tal-protezzjoni tal-pjanti tajba u meta jitqiesu l-kundizzjonijiet realistiċi tal-użu, ikollhom effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew fuq l-ilma ta' taħt l-art jew effett inaċċettabbli fuq l-ambjent. Il-koformulanti huma wkoll inaċċettabbli fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jekk l-użu tagħhom, b'konsegwenza għall-applikazzjoni li hija konsistenti ma' prattika tal-protezzjoni tal-pjanti tajba u meta jitqiesu l-kundizzjonijiet realistiċi tal-użu, ikollhom effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew ikollhom effett inaċċettabbli fuq il-pjanti, fuq il-prodotti tal-pjanti jew fuq l-ambjent. Tali koformulanti inaċċettabbli jridu jiġu elenkati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(3) Il-koformulanti huma sustanzi jew preparazzjonijiet li jintużaw flimkien ma' sustanzi attivi fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u għalhekk huma mifruxa b'mod indaqs fl-ambjent. Għalhekk, il-kriterji li jikkonċernaw is-saħħa tal-bniedem, l-ambjent, l-ekotossiċità u l-ilma ta' taħt l-art, previsti fil-punti 3.6.2, 3.6.3, 3.6.4, 3.6.5, 3.7, 3.8.2 u 3.10 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, jenħtieġ li jkunu rilevanti wkoll biex jiġu identifikati l-koformulanti inaċċettabbli.

(4) Għalhekk jenħtieġ li l-lista ta' koformulanti inaċċettabbli tinkludi sustanzi bi klassifikazzjoni armonizzata bħala karċinoġeni, tal-kategorija 1 A jew 1B, bħala mutaġeni, tal-kategorija 1 A jew 1B, jew bħala tossiċi għar-riproduzzjoni, tal-kategorija 1 A jew 1B, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(5) Jenħtieġ li l-lista ta' koformulanti inaċċettabbli tinkludi wkoll sustanzi identifikati bħala persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi ("PBT") jew persistenti ħafna u bijoakkumulattivi ħafna ("vPvB") f'konformità mal-punti (d) u (e) tal-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

(6) Il-lista ta' koformulanti inaċċettabbli jenħtieġ ukoll li tinkludi sustanzi ta' ħassib serju ħafna minħabba proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali f'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew sustanzi identifikati bħala interferenti endokrinali skont ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) jew sustanzi identifikati bħala pollutanti organiċi persistenti ("POP") skont ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jistabbilixxi restrizzjonijiet għal ċerti sustanzi perikoluży fl-Anness XVII tiegħu. Meta l-użu ta' dawk is-sustanzi jkun soġġett għal restrizzjonijiet bħala koformulanti fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' koformulanti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(8) L-Istati Membri identifikaw il-koformulanti li sabu li huma inaċċettabbli fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([6]) jew ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Tali koformulanti ġew notifikati mill-Awstrija, mill-Belġju, minn Franza, mill-Ġermanja, mill-Italja, mil-Litwanja, minn Spanja u min-Norveġja. Fost dawk il-koformulanti, dawk bi klassifikazzjoni armonizzata bħala karċinoġeni, tal-kategorija 1 A jew 1B, bħala mutaġeni, tal-kategorija 1 A jew 1B, jew bħala tossiċi għar-riproduzzjoni, tal-kategorija 1 A jew 1B, f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, dawk identifikati bħala PBT jew vPvB f'konformità mal-punti (d) u (e) tal-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, dawk identifikati bħala sustanza ta' ħassib serju ħafna minħabba l-proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali f'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, u dawk identifikati bħala POP skont ir-Regolament (UE) 2019/1021 jenħtieġ li jiġu elenkati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(9) L-użu ta' tallowammini polietossilati (Nru CAS 61791-26-2) fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glifosat kien ipprojbit bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1313 ([7]), minħabba li ġie identifikat ħassib b'rabta mat-tossiċità tat-tallowammini polietossilati u l-potenzjal tagħhom li jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa tal-bniedem. Minħabba li dak it-ħassib huwa dovut għall-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanzi kkonċernati u għalhekk mhuwiex limitat għall-prodotti formulati li fihom il-glifosat iżda huwa validu bl-istess mod għall-prodotti formulati li fihom sustanzi attivi oħrajn, jenħtieġ li t-tallowammini polietossilati jiżdiedu wkoll mal-lista ta' koformulanti fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(10) Id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/109 ([8]) u (UE) 2018/619 ([9]) ma approvawx il-PHMB (1600; 1,8), numru CAS 27083-27-8 u 32289-58-0, u l-PHMB (1415; 4,7), numru CAS 32289-58-0 u 1802181-67-4, bħala sustanzi attivi eżistenti għall-użu fi prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 6 (fil-preservattivi fil-bottijiet), fost tipi ta' prodott oħrajn minħabba riskji inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Għalhekk, l-użu tagħhom bħala preservattivi fil-bottijiet fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jwassal għal effetti inaċċettabbli fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent. Għalhekk, il-PHMB (1600; 1,8) u l-PHMB (1415; 4,7) jenħtieġ li jiġu elenkati wkoll fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(11) Il-koformulanti li jridu jiġu elenkati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jistgħu wkoll jinsabu fl-aġġuvanti mqiegħda fis-suq. Peress li għadhom ma ġewx stabbiliti regoli dettaljati għall-awtorizzazzjoni tal-aġġuvanti, f'konformità mal-Artikolu 58(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-Istati Membri jistgħu jkomplu japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali fir-rigward tal-aġġuvanti f'konformità mal-Artikolu 81(3) ta' dak ir-Regolament. Minħabba li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għandu l-għan li jipprevjeni t-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' aġġuvanti li fihom koformulanti pprojbiti, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li lanqas l-aġġuvanti li jitħalltu ma' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ma jkun fihom dawk il-koformulanti inaċċettabbli.

([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

([6]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1313 tal-1 ta' Awwissu 2016 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat (ĠU L 208, 2.8.2016, p. 1).

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/109 tas-27 ta' Jannar 2016 biex ma tapprovax il-PHMB (1600; 1,8) bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tipi 1, 6 u 9 (ĠU L 21, 28.1.2016, p. 84).

([9]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/619 tal-20 ta' April 2018 li ma tapprovax il-PHMB (1415; 4,7) bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tipi 1, 5 u 6 (ĠU L 102, 23.4.2018, p. 21).

(12) Jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex jirrieżaminaw il-kompożizzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u tal-aġġuvanti li bħalissa huma awtorizzati fit-territorju tagħhom, sabiex jivvalutaw jekk fihomx il-koformulanti elenkati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u biex jirtiraw jew jemendaw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u tal-aġġuvanti li fihom dawk il-koformulanti.

(13) Għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew għall-aġġuvanti li jkun fihom koformulant elenkat fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, meta l-Istati Membri jagħtu xi perjodu ta' grazzja f'konformità mal-Artikolu 46 ta' dak ir-Regolament jew f'konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali għall-awtorizzazzjoni tal-aġġuvanti, rispettivament, dak il-perjodu jenħtieġ li jiskadi, għall-bejgħ u għad-distribuzzjoni l-aktar tard tliet xhur wara d-data tal-emenda jew tal-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet, u għar-rimi, għall-ħżin u għall-użu disa' xhur addizzjonali wara tali data.

(14) Il-koformulanti li jridu jiġu elenkati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jistgħu jkunu preżenti bħala impuritajiet mhux intenzjonati f'koformulanti oħra, li bħala tali huma aċċettabbli għall-użu fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew fl-aġġuvanti. Għalhekk, il-konċentrazzjoni individwali tal-koformulanti inaċċettabbli fil-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jew fl-aġġuvant lesti jenħtieġ li tkun inqas minn 0,1 % piż skont il-piż (w/w) jew inqas minn limitu speċifiku ta' konċentrazzjoni relatat mal-proprjetajiet CMR (karċinoġeni, mutaġeni u tossiċi għar-riproduzzjoni), meta tiġi stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għall-koformulant inaċċettabbli fl-livell inqas minn 0,1 % piż skont il-piż (w/w), sabiex titqies bħala impurità mhux intenzjonata aċċettabbli, sakemm ma jiġix previst limitu differenti minħabba l-limitazzjonijiet tekniċi tal-metodi analitiċi rilevanti.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Istati Membri li taw awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-koformulanti elenkati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, kif emendat b'dan ir-Regolament, għandhom jemendaw jew jirtiraw dawk l-awtorizzazzjonijiet malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard mill-24 ta' Marzu 2023.

Artikolu 3

L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq jew l-użu tal-aġġuvanti li fihom il-koformulanti elenkati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, kif emendat b'dan ir-Regolament.

L-Istati Membri li awtorizzaw l-aġġuvanti li fihom il-koformulanti elenkati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, kif emendat b'dan ir-Regolament, għandhom jemendaw jew jirtiraw dawk l-awtorizzazzjonijiet malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard mill-24 ta' Marzu 2023.

Artikolu 4

Kull perjodu ta' grazzja mogħti mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 jew mad-dispożizzjonijiet nazzjonali għall-awtorizzazzjoni tal-aġġuvanti għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi, għall-bejgħ u għad-distribuzzjoni l-aktar tard tliet xhur wara d-data tal-emenda jew tal-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet msemmija fl-Artikoli 2 u 3, u għar-rimi, għall-ħżin u għall-użu disa' xhur addizzjonali wara tali data.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS III

Lista ta' koformulanti li mhumiex aċċettati għall-inklużjoni fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif imsemmija fl-Artikolu 27 ([1])

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
1.	1-Kloro-2,3-epossipropan	Epikloroidrin, Klorur tat-2,3-Epossipropil	106-89-8	203-439-8	Karċinoġenu kategorija 1B
2.	1,2-Dikloroetan	1,2-Dikloroetan; Etan, 1,2-dikloro-	107-06-2	203-458-1	Karċinoġenu kategorija 1B
3.	2-Etossietanol	2-Etossietanol; Etanol, 2-etossi-	110-80-5	203-804-1	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
4.	Aċetat tat-2-Etossietil	Aċetat tat-2-Etossietil; Etanol, 2-etossi-, 1-aċetat	111-15-9	203-839-2	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
5.	1-Etilpirrolidin-2-on	1-Etilpirrolidin-2-on; N-etil-2-pirrolidon	2687-91-4	220-250-6	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
6.	2-Metossietanol	2-Metossietanol; Etanol, 2-metossi-	109-86-4	203-713-7	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
7.	Aċetat tat-2-Metossietil	Aċetat tat-2-Metossietil; Etanol, 2-metossi-, 1-aċetat; Aċetat tat-2-Metossietanol	110-49-6	203-772-9	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
8.	2-Metossipropanol	2-Metossipropanol; 1-Propanol, 2-metossi-	1589-47-5	216-455-5	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
9.	1-Metilpirrolidin-2-on	1-Metil-2-pirrolidon; 2-Pirrolidinon, 1-metil-	872-50-4	212-828-1	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
10.	2-Nitropropan	2-Nitropropan; Propan, 2-nitro-	79-46-9	201-209-1	Karċinoġenu kategorija 1B
11.	Ammini, alkil tat-tallow, etossilati	Ammini, alkil tat-tallow, etossilati; POE-tallowammina	61791-26-2		Tħassib jew lakuni fid-*data* relatati mal-effetti potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent
12.	Ammini, alkil tat-tallow, etossilati propossilati	Ammini, alkil tat-tallow, etossilati propossilati; POEP-tallowammina	68213-26-3		Tħassib jew lakuni fid-*data* relatati mal-effetti potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem jew fuq l-ambjent
13.	Fibri tal-asbestos	Asbestos aktinolit; Asbestos, aktinolit	77536-66-4		Karċinoġenu kategorija 1 A
14.		Asbestos amosit; Asbestos, amosit	12172-73-5		Karċinoġenu kategorija 1 A
15.		Asbestos antofillit; Asbestos, antofillit	77536-67-5		Karċinoġenu kategorija 1 A
16.		Asbestos krisotil; Asbestol, krisotil	12001-29-5		Karċinoġenu kategorija 1 A
17.		Asbestos kroċidolit; Asbestos, kroċidolit	12001-28-4		Karċinoġenu kategorija 1 A
18.		Asbestos tremolit; Asbestos, tremolit	77536-68-6		Karċinoġenu kategorija 1 A
19.	Benżen	Benżen	71-43-2	200-753-7	Karċinoġenu kategorija 1 A/ Mutaġenu kategorija 1B
20.	Benżo[def]krisen [2]; Benżo [*pqr*]tetrafen	Benżo[*def*]krisen; Benżo[*a*]piren	50-32-8	200-028-5	Karċinoġenu kategorija 1B/Mutaġenu kategorija 1B/ Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
21.	Bis(2-metilpropil) benżen-1,2-dikarbossilat	Ftalat tad-diisobutil	84-69-5	201-553-2	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH – Is-Saħħa tal-Bniedem) Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
22.	Aċidu boriku	Aċidu boriku	10043-35-3 11113-50-1	233-139-2 234-343-4	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
23.	Ottaborat tad-disodju	Ottaborat tad-disodju; Ottaborat tad-disodju anidru	12008-41-2	234-541-0	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
24.	Ottaborat tad-disodju, tetraidrat	Aċidu boriku, melħ tad-disodju, tetraidrat;	12280-03-4	234-541-0	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
25.	Tetraborat tad-disodju, anidru	Tetraborat tad-disodju, anidru; Ossidu tas-sodju u tal-boron	1330-43-4	215-540-4	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
26.	Tetraborat tad-disodju, dekaidrat	Burax	1303-96-4	215-540-4	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
27.	Tetraborat tad-disodju, pentaidrat	Ossidu tas-sodju u tal-boron, idrat	12179-04-3	215-540-4	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
28.	Aċidu ortoboriku, melħ tas-sodju	Aċidu ortoboriku, melħ tas-sodju; Aċidu boriku, melħ tas-sodju	13840-56-7	237-560-2	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
29.	Ettaossidu tat-tetraboron u tad-disodju, idrat	Ettaossidu tat-tetraboron u tad-disodju, idrat; Ossidu tas-sodju u tal-boron, idrat	12267-73-1	235-541-3	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
30.	Buta-1,3-dien	Buta-1,3-dien; 1,3-Butadien	106-99-0	203-450-8	Karċinoġenu kategorija 1 A/ Mutaġenu kategorija 1B
31.	Butan li fih ≥ 0,1 % butadien (Nru EC 203-450-8)	Butan	106-97-8	203-448-7	Karċinoġenu kategorija 1 A
32.	Ko Poli (bisimminoimidokarbonil, idroklorur tal-eżametilen), (imminoimidokarbonil, idroklorur tal-eżametilen	Gwanidina, *N,N'''*-1,6-eżandiilbis[*N'*-ċjano-, polimeru bi 1,6-eżandiammina, idroklorur	27083-27-8 u		Mhux approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali għall-prodotti tat-tip 6 (preservattivi fil-bottijiet).

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
		Poli[imminokarbonimidoilimminokarbonimidoi-limmino-1, 6-eżanediil], idroklorur Ċjanammid, *N*-ċjano-, kompost bi 1,6-eżane-diammina (2:1), polimeru bi idroklorur tal-1,6-eżanediammina (1:2); PHMB	32289-58-0 u 1802181-67-4		
33.	Ftalat tad-dibutil	Ftalat tal-*n*-Butil; Benżen-1,2-dikarbossilat tad-dibutil	84-74-2	201-557-4	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH – Is-Saħħa tal-Bniedem) Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
34.	Distillati (petroleum), nafteniċi tqal idrotrattati b'kontenut ta' ≥ 3,0 % estratt tad-DMSO (imkejjel bl-IP 346)		64742-52-5	265-155-0	Karċinoġenu kategorija 1B
35.	Distillati (petroleum), paraffiniċi tqal idrotrattati b'kontenut ta' ≥ 3,0 % estratt tad-DMSO (imkejjel bl-IP 346)		64742-54-7	265-157-1	Karċinoġenu kategorija 1B
36.	Distillati (petroleum), nafteniċi ħfief idrotrattati b'kontenut ta' ≥ 3,0 % estratt tad-DMSO (imkejjel bl-IP 346)		64742-53-6	265-156-6	Karċinoġenu kategorija 1B
37.	Distillati (petroleum), paraffiniċi ħfief idrotrattati b'kontenut ta' ≥ 3,0 % estratt tad-DMSO (imkejjel bl-IP 346)		64742-55-8	265-158-7	Karċinoġenu kategorija 1B
38.	Distillati (petroleum), paraffiniċi tqal bix-xema' mneħħija b'solvent b'kontenut ta' ≥ 3,0 % estratt tad-DMSO (imkejjel bl-IP 346)		64742-65-0	265-169-7	Karċinoġenu kategorija 1B

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
39.	Distillati (petroleum), paraffiniċi tqal raffinati b'solvent b'kontenut ta' ≥ 3,0 % estratt tad-DMSO (imkejjel bl-IP 346)		64741-88-4	265-090-8	Karċinoġenu kategorija 1B
40.	Distillati (petroleum), paraffiniċi ħfief raffinati b'solvent b'kontenut ta' ≥ 3,0 % estratt tad-DMSO (imkejjel bl-IP 346)		64741-89-5	265-091-3	Karċinoġenu kategorija 1B
41.	Ossidu tal-etilen	Ossidu tal-etilen; Ossiran; Epossietan	75-21-8	200-849-9	Karċinoġenu kategorija 1B/ Mutaġenu kategorija 1B
42.	Formaldeid	Formaldeid; Formalin; Metanal;, Formol	50-00-0	200-001-8	Karċinoġenu kategorija 1B
43.	Formammid	Formammid; Metanammid	75-12-7	200-842-0	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
44.	Isobutan (li fih ≥ 0,1 % butadien (Nru EC 203-450-8))	Isobutan; Propan, 2-metil-	75-28-5	200-857-2	Karċinoġenu kategorija 1 A/ Mutaġenu kategorija 1B
45.	Żjut lubrikanti (petroleum), C20-50, idrotrattati newtrali b'bażi ta' żejt, viskożità għolja b'kontenut ta' ≥ 3,0 % estratt tad-DMSO (imkejjel bl-IP 346)		72623-85-9	276-736-3	Karċinoġenu kategorija 1B
46.	Żjut lubrikanti (petroleum), C15-30, idrotrattati newtrali b'bażi ta' żejt b'kontenut ta' ≥ 3,0 % estratt tad-DMSO (imkejjel bl-IP 346)		72623-86-0	276-737-9	Karċinoġenu kategorija 1B
47.	Żjut lubrikanti (petroleum), C20-50, idrotrattati newtrali b'bażi ta' żejt b'kontenut ta' ≥ 3,0 % estratt tad-DMSO (imkejjel bl-IP 346)		72623-87-1	276-738-4	Karċinoġenu kategorija 1B

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
48.	Żjut lubrikanti (petroleum), C17-32, estratti bis-solvent, bix-xema' mneħħija, idroġenati b'kontenut ta' ≥ 3,0 % estratt tad-DMSO (imkejjel bl-IP 346)		101316-70-5	309-875-6	Karċinoġenu kategorija 1B
49.	Nafta (petroleum), katina predominantement ramifikata tqila alkilata C9-C12 b'kontenut ta' ≥ 0,1 % benżen (Nru EC 200-753-7)		64741-65-7	265-067-2	Karċinoġenu kategorija 1B/ Mutaġenu kategorija 1B
50.	Nafta (petroleum), idrosulfurizzata tqila predominantement C7-C12 b'kontenut ta' ≥ 0,1 % benżen (Nru EC 200-753-7)		64742-82-1	265-185-4	Karċinoġenu kategorija 1 A/ Mutaġenu kategorija 1B
51.	Nafta (petroleum), idrosulfurizzata ħafifa, dearomatizzata predominantement paraffini u ċikloparaffini C7 b'kontenut ta' ≥ 0,1 % benżen (Nru EC 200-753-7)		92045-53-9	295-434-2	Karċinoġenu kategorija 1 A/ Mutaġenu kategorija 1B
52.	Nafta (petroleum), idrotrattata tqila predominantement C6-C13 b'kontenut ta' ≥ 0,1 % benżen (Nru EC 200-753-7)		64742-48-9	265-150-3	Karċinoġenu kategorija 1 A/ Mutaġenu kategorija 1B
53.	Naftha (petroleum), aromatika ħafifa predominantement C8-C10 b'kontenut ta' ≥ 0,1 % benżen (Nru EC 200-753-7)		64742-95-6	265-199-0	Karċinoġenu kategorija 1 A/ Mutaġenu kategorija 1B
54.	Nitrobenżen	Nitrobenżen; Benżen, nitro-	98-95-3	202-716-0	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
55.	*N*-metilformammid	*N*-metilformammid; Formammid, *N*-metil-	123-39-7	204-624-6	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
56..	Nonil-fenoli: Sustanzi b'katina alkil lineari u/jew ramifikata bin-numru tal-karbonju 9 f'rabta kovalenti fi kwalunkwe pożizzjoni mal-fenol, li jkopru wkoll is-sustanzi li jinkludu kwalunkwe wieħed mill-isomeri individwali jew kombinament tagħhom.	4-(3,5-Dimetilettan-3-il)fenol Fenol, 4-(1-etil-1,3-dimetilpentil)-; 4-(1-Etil-1,3-dimetilpentil)fenol	186825-36-5		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
57.		4-(3,6-Dimetilettan-3-il)fenol Fenol, 4-(1-etil-1,4-dimetilpentil)-; 4-(1-Etil-1,4-dimetilpentil)fenol	142731-63-3		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
58.		4-(2-Metiloktan-2-il)fenol *p*-(1,1-Dimetilettil)fenol; Fenol, 4-(1,1-dimetilettil)-	30784-30-6	250-339-5	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
59.		4-(3-Metiloktan-3-il)fenol Fenol, 4-(1-etil-1-metileżil)-; 4-(1-Etil-1-metileżil)fenol;	52427-13-1	257-907-1	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
60.		4-Nonilfenol *p*-Nonilfenol; Fenol, 4-nonil-	104-40-5	203-199-4	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
61.		Isononilfenol	11066-49-2	234-284-4	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
62.		*p*-Isononilfenol; Fenol, 4-isononil-	26543-97-5	247-770-6	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
63.		Nonilfenol; Fenol, nonil-	25154-52-3	246-672-0	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
64.		Fenol, 4-(1-metilottil)-; *p*-(1-Metilottil)fenol	17404-66-9	241-427-4	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
65.		Fenol, 4-nonil-, ramifikat	84852-15-3	284-325-5	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
66.		Fenol, nonil-, ramifikat	90481-04-2	291-844-0	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
67.	Nonil-fenoli, etossilati: Sustanzi b'katina alkil lineari u/jew ramifikata bin-numru tal-karbonju 9 f'rabta kovalenti fi kwalunkwe pożizzjoni mal-fenol, etossilati, li jkopru wkoll is-sustanzi li jinkludu kwalunkwe wieħed mill-isomeri individwali jew kombinament tagħhom.	Nonilfenol, etossilat; Poli(ossi-1,2-etandiil), α-(nonilfenil)-ω-idrossi-		500-024-6	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
68.		4-Nonilfenol, ramifikat, 1 - 2.5 moli etossilat Poli(ossi-1,2-etandiil), α-(4-nonilfenil)-ω-idrossi-, ramifikat		500-315-8	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
69.		4-Nonilfenol, 1 - 2,5 moli etossilat		500-045-0	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
70.		2-(2-{2-[2-(4-Nonilfenossi)etossi]etossi}etossi) etan-1-ol 2-[2-[2-[2-(4-Nonilfenossi)etossi]etossi]etossi] etanol; Etanol, 2-[2-[2-[2-(4-nonilfenossi)etossi]etossi] etossi]-	7311-27-5	230-770-5	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
71.		2-[2-(4-Nonilfenossi)etossi]etanol; Etanol, 2-[2-(4-nonilfenossi)etossi]-	20427-84-3	243-816-4	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
72.		20-(4-Nonilfenossi)-3,6,9,12,15,18-eżaossaikosan-1-ol; 3,6,9,12,15,18-Eżaossaeikosan-1-ol, 20- (4-nonilfenossi)-	27942-27-4	248-743-1	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
73.		2-[2-[2-[2-(4-Nonilfenossi)etossi]etossi]etossi] etan-1-ol Etanol,2-[2-[2-[2-(4-nonilfenossi)etossi]etossi] etossi]-	7311-27-5		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
74.		26-(4-Nonilfenossi)-3,6,9,12,15,18,21,24-oktaossaeżakosan-1-ol 3,6,9,12,15,18-21,24-Ottaossaeikosan-1-ol, 26-(4-nonilfenossi)-	14409-72-4		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
75.		17-(4-Nonilfenossi)-3,6,9,12,15-pentaossaettadekan-1-ol 3,6,9,12,15-Pentaossaettadekan-1-ol, 17-(4-nonilfenossi)-	34166-38-6		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
76.		Poli(ossi-1,2-etandiil), α-(4-nonilfenil)-ω-idrossi-, ramifikat	127087-87-0		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
77.		Poli(ossi-1,2-etandiil), α-(4-nonilfenil)-ω-idrossi-	26027-38-3		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
78.		Etanol, 2-(4-nonilfenossi)	104-35-8		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
79.		Isononilfenol, etossilat; Poli(ossi-1,2-etandiil), α-(isononilfenil)-ω-idrossi-	37205-87-1		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
80.		2-[2-(4-*tert*-Nonilfenossi) etossi] etanol Etanol, 2-[2-(4-*tert*-nonilfenossi)etossi]-	156609-10-8		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
81.		Poli(ossi-1,2-etandiil), α-(nonilfenil)-ω-idrossi- Nonilfenol, etossilat	9016-45-9		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
82.	Ottil-fenoli: Sustanzi b'katina alkil lineari u/jew ramifikata bin-numru tal-karbonju 8 f'rabta kovalenti fi kwalunkwe pożizzjoni mal-fenol, li jkopru wkoll is-sustanzi li jinkludu kwalunkwe wieħed mill-isomeri individwali jew kombinament tagħhom.	*p*-Ottilfenol; 4-Ottilfenol	1806-26-4	217-302-5	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
83.		4-(2,4,4-Trimetilpentan-2-il)fenol; 4-(1,1,3,3-Tetrametilbutil)fenol; 4-(*tert*-ottil) Fenol Fenol, 4-(1,1,3,3-tetrametilbutil)-; 4-*tert*-Ottilfenol	140-66-9	205-426-2	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
84.		Ottilfenol; Fenol, ottil-	67554-50-1	266-717-8	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
85.		Fenol, 2-isoottil-	86378-08-7		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
86.		Fenol, isoottil-; Isoottilfenol	11081-15-5	234-304-1	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
87.		Fenol, 2-ottil-; *o*-Ottilfenol	949-13-3	213-437-9	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
88.		Fenol, 2-*sek*-ottil-; *o*-*sek*-Ottilfenol	26401-75-2	247-663-4	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
89.		Fenol, 4-isoottil-; *p*-Isoottilfenol	27013-89-4	248-164-4	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
90.		Fenol, 4-*sek*-ottil-; *p*-*sek*-Ottilfenol	27214-47-7	248-330-6	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
91.		Fenol, *sek*-ottil-; *sek*-Ottilfenol	93891-78-2	299-461-0	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
92.		Fenol, 4-(1-etileżil)-; *p*-(1-Etileżil)fenol	3307-00-4	221-989-7	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
93.		Fenol, 2-(1-metilettil)-; *o*-(1-Metilettil)fenol	18626-98-7	242-459-1	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
94.		Fenol, 2-(1-etileżil)-; *o*-(1-Etileżil)fenol	17404-44-3	241-426-9	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
95.		Fenol, 2-(1-propilpentil)-; *o*-(1-Propilpentil)fenol	37631-10-0	253-574-1	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
96.		Fenol, 4-(1-propilpentil)-; *p*-(1-Propilpentil)fenol	3307-01-5	221-990-2	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
97.		Fenol, 2-(1-metilettil)-; *o*-(1,1,3,3-Tetrametilbutil)fenol	3884-95-5	223-420-8	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
98.		Fenol, (1,1,3,3-tetrametilbutil)-; (1,1,3,3-Tetrametilbutil)fenol	27193-28-8	248-310-7	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
99.		Fenol, (1-metilettil)-; (1-Metilettil)fenol	27985-70-2	248-759-9	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
100.		Fenol, 4-(2-metilettil)-	898546-19-5		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
101.		Fenol, 2-(2-etileżil)-	28752-62-7		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
102.		Fenol, 4-(1-metilettil)-; *p*-(1-Metilettil)fenol	1818-08-2	217-332-9	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
103.		Fenol, 4-(2-etileżil)-	69468-20-8		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
104.		Fenol, 4-(5-metilettil)-	1824164-95-5		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
105.		Fenol, 2-(2-metilettil)-	898546-20-8		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
106.		Fenol, 4-(2-propilpentil)-	119747-99-8		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
107.		Fenol, 3-ottil-	20056-69-3		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
108.		Fenol, 2-(1,1-dimetileżil)-	1824575-79-2		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
109.		Fenol, 4-(1,1-dimetileżil)-	30784-29-3		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
110.		Fenol, 4-(5,5-dimetileżil)-	13330-52-4		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
111.		Fenol, 2-(5,5-dimetileżil)-	1822989-97-8		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
112.		Fenol, 3-(1,1-dimetileżil)-	70435-92-6		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
113.		Fenol, 4-(1,4-dimetileżil)-	164219-26-5		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
114.	Ottil-fenoli, etossilati: Sustanzi b'katina alkil lineari u/jew ramifikata bin-numru tal-karbonju 8 f'rabta kovalenti fi kwalunkwe pożizzjoni mal-fenol, etossilati, li jkopru wkoll is-sustanzi li jinkludu kwalunkwe wieħed mill-isomeri individwali jew kombinament tagħhom.	Poli(ossi-1,2-etandiil), α-[(1,1,3,3- tetrametilbutil) fenil]-ω-idrossi- 2-(2-[4-(1,1,3,3-Tetrametilbutil)fenossi]etossi)etanol Etere tal-Polietilen Glikol Ottilfenil;	9036-19-5		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
115.		2-[4-(2,4,4-Trimetilpentan-2-il)fenossi]etanol Poli(ossi-1,2-etandiil), α-[4-(1,1,3,3-tetrametilbutil)fenil]-ω-idrossi- Ottilfenol etossilat	9002-93-1		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
116.		20-[4-(1,1,3,3-Tetrametilbutil) fenossi]-3,6,9,12,15,18-eżaossaikosan-1-ol 3,6,9,12,15,18-Eżaossaeikosan-1-ol, 20-[4-(1,1,3,3-tetrametilbutil)fenossi]-	2497-59-8	219-682-8	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
117.		Etanol, 2-[4-(1,1,3,3-tetrametilbutil)fenossi]-	2315-67-5		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
118.		Etanol, 2-[2-[4-(1,1,3,3-tetrametilbutil)fenossi] etossi]-	2315-61-9		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
119.		3,6,9,12,15,18-21,24-Ottaossaeikosan-1-ol, 26-(4-ottilfenossi)-;	42173-90-0	255-695-5	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
120.		Poli(ossi-1,2-etandiil), α-(ottilfenil)-ω-idrossi-, ramifikat	68987-90-6		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
121.		Poli(ossi-1,2-etandiil), α-[4-(6-metilettil)fenil]-ω-idrossi-	59379-12-3		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
122.		Etanol, 2-(4-ottilfenossi)-; 2-(*p*-Ottilfenossi)etanol	51437-89-9	257-203-4	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
123.		Poli(ossi-1,2-etandiil), α-(4-ottilfenil)-ω-idrossi-	26636-32-8		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
124.		Poli(ossi-1,2-etandiil), α-[4-(1-metilettil)fenil]-ω-idrossi-	73935-42-9		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
125.		3,6,9,12,15,18-Eżaossaeikosan-1-ol, 20-(4-ottilfenossi)-; 20-(4-Ottilfenossi)-3,6,9,12,15,18-eżaossaikosan-1-ol	32742-88-4	251-190-9	Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
126.		Etanol, 2-[2-[2-[2-(4-ottilfenossi)etossi]etossi] etossi]-; 2-(*p*-Ottilfenossi)etanol	51437-92-4		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
127.		Etanol, 2-[2-(4-ottilfenossi)etossi]-	51437-90-2		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
128.		3,6,9,12,15-Pentaossaettadekan-1-ol, 17-(4-ottilfenossi)-	51437-94-6		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
129.		Poli(ossi-1,2-etandiil), α-(isoottilfenil)-ω-idrossi-	9004-87-9		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
130.		2-[2-[2-(4-Ottilfenossi)etossi]etossi]etanol	51437-91-3		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
131.		3,6,9,12,15-Pentaossaettadekan-1-ol, 17-[4-(1,1,3,3-tetrametilbutil)fenossi]-	2497-58-7		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
132.		Etanol, 2-[2-[2-[4-(1,1,3,3-tetrametilbutil) fenossi]etossi]etossi]-	2315-62-0		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
133.		Etanol, 2-[2-[2-[2-[4-(1,1,3,3-tetrametilbutil) fenossi]etossi]etossi]etossi]-	2315-63-1		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
134.		3,6,9,12-Tetraossatetradekan-1-ol, 14-[4-(1,1,3,3-tetrametilbutil)fenossi]-	2315-64-2		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
135.		3,6,9,12,15,18,21,24-Ottaossaeżakosan-1-ol, 26-[4-(1,1,3,3-tetrametilbutil)fenossi]-	2315-65-3		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
136.		3,6,9,12,15,18,21,24,27-Nonaossanonakosan-1-ol, 29-[4-(1,1,3,3-tetrametilbutil)fenossi]-	2315-66-4		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
137.		Etanol, 2-[3-(1,1,3,3-tetrametilbutil)fenossi]-	1026254-24-9		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
138.		Etanol, 2-[2-(1,1,3,3-tetrametilbutil)fenossi]-	84658-53-7		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)

Nru	Isem	Ismijiet tal-EC/Ismijiet oħra	Numru CAS	Numru EC	Klassifikazzjoni/Proprjetajiet oħra
139.		Etanol, 2-[2-(ottilfenossi)etossi]-	27176-92-7		Proprjetajiet li jfixklu s-sistema endokrinali (l-Artikolu 57(f) tar-REACH — L-Ambjent)
140.	*N*, *N*-Dimetilformammid	*N*, *N*-dimetilformammid; Dimetil formammid, DMF	68-12-2	200-679-5	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B
141.	Prop-2-enammid	Akrilammid; 2-propenammid	79-06-1	201-173-7	Karċinoġenu kategorija 1B/ Mutaġenu kategorija 1B
142.	Piridina, derivattivi tal-alkil, b'kontenut ta' ≥ 0,1 % benżen (Nru EC 200-753-7)		68391-11-7	269-929-9	Karċinoġenu kategorija 1 A/ Mutaġenu kategorija 1B
143.	Kinolina	Kinolina	91-22-5	202-051-6	Karċinoġenu kategorija 1B
144.	Alkoħol Tetraidrofurfuriliku	Alkoħol Tetraidrofurfuriliku; 2-Furanmetanol, tetraidro-	97-99-4	202-625-6	Tossiku għar-riproduzzjoni kategorija 1B”

([1]) Il-limitu għall-preżenza aċċettabbli tas-sustanzi elenkati fit-tabella bħala impurità mhux intenzjonata fil-prodott lest huwa 0,1 % (piż skont il-piż (w/w)) ħlief fejn ikun iddikjarat mod ieħor f'dan l-Anness.

([2]) Il-limitu għall-preżenza aċċettabbli tas-sustanzi elenkati fit-tabella bħala impurità mhux intenzjonata fil-prodott lest huwa 0,01 % (piż skont il-piż (w/w)), li jikkorrispondi għal-limitu speċifiku ta' konċentrazzjoni stabbilit fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.